# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.5

**Kap 7: Niskopru l-valuri**

**Lezzjoni 7.5: Ġabarhom flimkien**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu kif Ġesù kien *committed* għal dak li kellu jagħmel.
2. Jisimgħu l-qari tal-Aħħar Ċena u joħorgu min kien *committed* jew le u jifhmu li l-paroli ma jgħodd xejn.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Vidjow klipp

  http://www.youtube.com/watch?v=zBFUnc3qXZU

– Bibbja (Luqa 22:7-20)

– kanzunetta

  http://www.youtube.com/watch?v=F0qtILMIil4

- Karta ta' taħriġ 7.4

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Lill-istudenti wrihom stampa (li turi l-mument tal-konsagrazzjoni). Staqsi lill-istudenti liema parti tal-quddies jaħsbu li hi u x'tissejjaħ.
- Staqsihom ukoll x'qed jiġri u ħallihom jiddiskutu l-ideat tagħhom dwar dan. Tajjeb jekk f'dan l-istadju tara jekk it-tfal jafux il-kliem li bejn wieħed u ieħor jgħid il-qassis waqt dan il-mument tant importanti.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Uri lit-tfal il-vidjow-klipp qasir http://www.youtube.com/watch?v=zBFUnc3qXZU
- Staqsi lill-istudenti x'jaħsbu li ried ifisser Ġesù meta qasam il-ħobż u xorob l-inbid. Spjega iktar fid-dettall billi tgħidilhom li ftit tal-ħin wara kien se jmut u l-ħobż u l-inbid kienu jirrappreżentaw il-ġisem u d-demm tiegħu, li kien se jmut għall-maħfra tad-dnubiet.
- Stieden lill-istudenti jaqraw l-Aħħar Ċena (Luqa 22:7-20).
- Saqsi lill-istudenti din il-mistoqsija: "Taħsbu li minn dak li rajtu u smajtu Ġesu` kien committed lejn Alla? Kif?" Ħalli lill-istudenti jesprimu l-ħsibijiet tagħhom.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 7.4 u wara li taqra s-silta mogħtija stieden lill-istudneti biex fi gruppi jaħdmu Attività A u B. Għal Attività A pproġetta s-silta mogħtija. Risposti A1: iħobbhom, Ordni Sagri, saċerdoti, Ewkaristija, magħna, tifkira.

  A2: - Sultan rebbieħ – L-aqwa ħabib – mexxej kbir , u oħrajn.

Attività B.

Xi eżempji jistgħu jkunu:

a) gwerer - ġuħ - terremoti

b) ġlied fil-familji – inċidenti fatali

- Aqra Attività C u wara li taqra s-silta mogħtija, iddiskuti l-mistoqsijiet mogħtija. Fakkar li l-għaqda u l-paċi rridu naħdmu għalihom.
- Spiċċa l-lezzjoni bil-kanzunetta li tista' sservi bħala riflessjoni dwar dak li jkun intqal.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. L-Aħħar Ċena Lq. 22, 7-20.
2. Ġesù għalkemm beża' mit-tbatija, baqa' miexi

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Nagħrfu d-diffikultajiet li nistgħu niltaqgħu magħhom fil-ħajja tagħna u ma nibżgħux mill-iebes biex nagħmlu s-sew.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



Jisimgħu din is-song u jużaw dan il-ftit ħin bħala moment ta' riflessjoni: http://www.youtube.com/watch?v=F0qtILMIil4

**Nitolbu**



Biex nagħlqu l-lezzjoni, xi tfal jivvoluntarjaw biex jgħidu talba lil Ġesu` ħalli jgħinhom meta jiltaqgħu ma' xi diffikulta` ħalli fl-aħħar mill-aħħar lil Ġesu` jagħtuh l-ewwel post.